MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2014

Avviz Numru. 270/2013

**B. Grima & Sons Ltd**
**(C 34602)**
**vs**

**Kunsill Lokali San Gwann**

Il-Qorti

Rat ir-rikors promotur ippresentat fit 13 ta' Settembru 2013 fejn is-socjeta rikorrenti talbet lill-Qorti tikkundanna lill-intimata thallasha is-somma ta' sebat elef u disgha u tmenin Euro u hdax-il centezmu (€7,089.11) rappresentanti prezz ta' diversi konsenji ta' provvisti u materjal, kif ukoll xoghlijiet relattivi, liema provvisti, materjal u xoghlijiet gew konsenjati u rezi lilhom fuq inkariku taghhom u a beneficcju taghhom.

Rat ir-risposta tal-Kunsill Lokali San Gwann ippresentat fit 3 ta' Ottubru 2013 fejn qalet illi l-ammont mitlub ma huwiex dovut peress illi l-ordni saret permezz ta' *direct order* tas-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali, ghal liema ordni ma ntalbet ebda approvazzjoni mill-Kunsill Lokali. Stqarrew ukoll illi *direct order* qatt ma setghet inghatat, anke mill-Kunsill stess, peress illi tmur oltre l-ammont ta' €1,164.68 illi huwa l-massimu ta' direct order illi huwa permessibbli fil-Ligi. Il-Kunsill Lokali ghalhekk talab il-kjamat in kawza tas-Segretarju Ezekuttiv Adrian Mifsud.

Rat illi fl-4 ta' Ottubru 2013, il-Qorti cahdet it-talba ghall-kjamat in kawza ta' Adrian Mifsud peress illi s-socjeta rikorrenti qatt ma kellha relazzjoni guridika ma' l-istess Mifsud u l-kwistjoni bejn Adrian Mifsud, bhala Segretarju Ezekuttiv precendenti taghha, u il-Kunsill Lokali ta' San Gwann ma kienux il-meritu tal-kawza odjerna.

Semghet ix-xhieda ta' **Adam Grima**, rappresentant tas-socjeta rikorrenti, moghtija fit 22 ts' Novembru 2013.

Semghet ix-xhieda ta' **Kenneth Vella**, accountant tas-socjeta rikorrenti, moghtija fit 22 ta' Novembru 2013.

Rat id-dokumentazzjoni esebita mis-socjeta rikorrenti fis-seduta tat 22 ta' Novembru 2013.

Semghet ix-xhieda ta' **Nadia Fenech**, clerk fil-Kunsill Lokali ta' San Gwann li tiehu hsieb il-finance w il-purchasing ta' l-istess Kunsill Lokali, moghtija fit 3 ta' Frar 2014 u fl-14 ta' Marzu 2014.

Rat id-dokumentazzjoni esebita mis-socjeta rikorrenti fis-seduta tat 3 ta' Frar 2014.

Semghet ix-xhieda ta' **Kurt Guillaumier**, Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali San Gwann, moghtija fl-14 ta' Marzu 2014 u fit 12 ta' Mejju 2014 u rat id-dokumentazzjoni esebita mill-istess Kurt Guillaumier.

Rat id-dokumentazzjoni esebita mis-socjeta rikorrenti fis-seduta tat 30 ta' Gunju 2014.

Rat illi fit 30 ta' Gunju 2014 is-socjeta rikorrenti iddikjarat illi ma kellha ebda provi ohra x'tipproduci.

Rat illi fl-10 ta' Ottubru 2014, il-Kunsill intimat iddikjara illi ma kellu ebda provi x'jippresenta stante illi l-provi taghhom kienu gia tressqu precendentement.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet moghtija fis-seduta ta' l-10 ta' Ottubru 2014.

**Ikkunsidrat**

Fil-kawza odjerna, is-socjeta rikorrenti qieghda titlob illi l-Kunsill Lokali ta' San Gwann thallashom ghal bejgh ta' materjal illi hija bieghet lill-istess Kunsill, fuq talba taghhom stess, bejn id-9 ta' Dicembru 2010 u l-1 ta' Awissu 2011, kif ukoll bejgh ta' import baxx hafna li sehh fil-31 ta' Dicembru 2012.

Dana l-materjal kollu jirrigwarda prodotti mehtiega ghaz-zamma fi stat tajjeb tat-toroq fl-inhawi li jaqghhu taht il-gurisidizzjoni tal-Kunsill Lokali ta' San Gwann, il-maggoranza kbira ta' tali prodotti ikunu zebgha ghal marki u senjaletika fit-toroq, li hija utilita pubblika

essenzjali, kemm ghall-komunita' lokali ta' San Gwann, kif ukoll ghall-popolazzjoni Maltija in generali illi taghmel uzu mit-toroq li jaqghu taht il-gurisdizzjoni ta' San Gwann.

Jirrizulta illi l-Kunsill Lokali, fiz-zmien meta saru l-ordnijiet kollha lis-socjeta rikorrenti, kienet immexxija minn Segretarju Ezekutiv li sussegwentement telaq minn tali kariga, ossija certa Adrian Mifsud.

Jirrizulta illi, sussegwentement, fit 30 ta' Settembru 2011, gie appuntat Segretarju Ezekuttiv gdid, Kurt Guillaumier, illi kien rinfaccjat bis-sitwazzjoni xejn felici illi jkompli fuq dak illi kien gia ikkonkluda w ghamel is-Segretarju Ezekuttiv ta' qablu minghajr ma inghata l-informazzjoni necessarja.

Jirrizulta illi, eventwalment, meta is-socjeta rikorrenti bdiet tigri sabiex tigbor dak dovut lilha, Kurt Guillaumier inizzjalment gharrafhom li kien hemm xi zbalji fil-kontijiet illi kienu inhargu peress illi sahqu illi l-prezzijiet moghtija mis-socjeta rikorrenti ghall-prodotti taghha kien oghla mill-prezzijiet li l-istess socjeta rikorrenti kienet titlob minghand l-istess Kunsill Lokali ftit zmien qabel.

Jirrizulta, di fatti, illi fis-sena precendenti, li kienet intemmet f' April 2011, is-socjeta rikorrenti kienet sottomettiet prezz ghaz-zebgha ghat-toroq kkalkolat ghal sena shiha, liema prezzijiet kienu, naturalment, jghoddu ghall-periodu ta' sena, kif del resto approvat mill-istess Kunsill Lokali ta' San Gwann.

Jirrizulta, ghalhekk, illi wara li tali ftehim skada, is-socjeta rikorrenti baqghet tissuplixxi materjal hekk kif rikjest mill-istess Kunsill Lokali, izda bi prezzijiet differenti minn dawk offruti precedentement.

Il-Kunsill Lokali, ghalhekk, beda jinsisti illi jhallas ghall-materjal bir-rata illi s-socjeta rikorrenti kienet tutilizza qabel. Meta, eventwalment, il-Kunsill Lokali intebah illi ma kienx ser jasal mas-socjeta rikorrenti, qajjem il-kwistjoni tad-*direct order* u l-illegalita' tax-xiri tal-merkanzija minghand is-socjeta rikorrenti, fejn beda jwahhal fl-agir tas-segretarju ezekuttiv ta' qabel, Adrian Mifsud, u ghalhekk kellha ssir il-kawza odjerna

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi dina l-kawza qatt ma messha wasslet hawn, peress illi l-fatti huma cari u messhom kienu cari kemm lill min qed imexxi il-Kunsill Lokali ta' San Gwann u, aktar u aktar, lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, li huwa hemm sabiex jiggwida lill-Kunsilli Lokali meta jkun hemm problema, liema gwida, izda, jidher car li kienet certament nieqsa ghal kollox.

Dana qieghed jinghad, peress illi l-Kunsill Lokali, fit-trattazzjoni taghha, taghmel referenza ghall-Artikolu 24 tal-LS 363.01 u tinsisti li hija kellha tawtorizza kull ftehim ghax-xiri ta' xoghlijet, oggetti u servizzi, haga illi hija baqghet tishaq li qatt ma awtorizzat.

Il-Qorti, madanakollu, ma tistax ma tirrilevax illi l-provizzjoni ta' zebgha ghat-toroq ma jistax ma jitqiesx bhala "provvista ta' servizzi ta' utilita' pubblika", u ghalhekk, a

kuntrarju ta' dak indikat mill-Kunsill, l-ordnijiet ghaz-zebgha tat-toroq ma kellux bzonn ta' awtorizazzjoni tal-Kunsill, kif del resto jipprovdi l-istess Artikolu minnha indikat.

Apparti minn hekk, irrespittivament minn dana l-argument, il-Qorti ma tistax ma tinnutax ukoll illi kien il-Kunsill li kien qieghed regolarment jordna il-provvisti minghand is-socjeta rikorrenti u l-istess Kunsill Lokali ghamlet uzu minn tali provvisti sabiex taghti servizz lill-komunita'. Ghalhekk, il-Qorti issibha ferm difficili tifhem kif il-Kunsill jippretendi li ma jhallasx ghal dak illi huwa talab u ottjena u, aktar u aktar, ghamel uzu minnu.

Jirrizulta illi l-Kunsill Lokali ta' San Gwann hass li dana kien zball tas-Segretarju Ezekuttiv precendenti, ossija Adrian Mifsud, u ghalhekk kellu jhallas ghal dana l-izball hu u mhux il-Kunsill Lokali. Il-Qorti, madanakollu, ma hijex ser tidhol fil-kwistjoni ta' bejn il-Kunsill Lokali u Adrian Mifsud, peress illi ma ghandha ebda rilevanza ghal-kawza odjerna, ossija ghall-hlas ta' provvista ta' servizzi ta' utilita' pubblika bhalma hija z-zebgha ghat-toroq, liema hlasijiet kellhom isiru mill-Kunsill Lokali.

Finalment, il-Qorti ma tistax ma tosservax, b'dieqa kbira, illi bhala rizultat tal-fatt illi l-Kunsill Lokali ta' San Gwann laghab il-karta li jipprova jiffranka ftit flus billi jinsisti li jhallas anqas minn dak mitlub, il-Kunsill Lokali issa ser ikolllu ihallas ferm aktar minn qatt qabel, peress illi ser ikollu ibaghti kemm l-ispejjez tal-proceduri odjerni u l-imghax fuq il-merkanzija mibjugha. Il-Qorti ma ghandhiex dubju illi la il-kunsilliera tal-Kunsill Lokali ta' San Gwann u wisq anqas l-addetti tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali ma huma ser isofru konsegwenzi bhala rizultat taz-zieda fl-ispejjez, izda ser ikun ic-cittadin komuni illi ser ikollu jhallas ghan-nuqqasijiet u l-inkapacita' manigerjali tal-Kunsill Lokali ta' San Gwann, peress illi tali hlasijiet ser johorgu unikament mit-taxxi tac-cittadin, li ma ghandhux jahti ghan-nuqqasjiet ta' persuni minnhom eletti sabiex jiggestixxu l-lokalita ghal-beneficcju tac-cittadin u fl-ahjar mod possibbli.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi semghet ix-xhieda prodotta u rat id-dokumentazzjoni kollha esebita,

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijet kollha tal-intimata Kunsill Lokali ta' San Gwann filwaqt illi

**Tilqa** t-talbiet attrici kollha, u ghalhekk

**Tikkundanna** lill-Kunsill Lokali ta' San gwann ihallas lis-socjeta rikorrenti B. Grima & Sons Limited is-somma ta' sebat elef u disgha u tmenin Euro u hdax-il centezmu (€7,089.11) rappresentanti prezz ta' diversi konsenji ta' provvisti u materjal mitluba mill-istess Kunsill Lokali u lilhom pprovduta.

Bl-imghaxjijiet kummercjali mit-3 ta' Mejju 2013 sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez kollha tal-proceduri odjerni jkunu a kariku tal-Kunsill Lokali ta' San Gwann.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------